MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2013

Numru. 1125/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Tony Cachia**

**vs**

**Vincent Pace**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Vincent Pace ta` 53 sena, bin Joseph Pace u Getana Pace xebba Galea, mwieled Valletta, Malta, nhar l-4 t`April 1957, residenti 45, Joannes, Fl 4, Triq is-Soll, Santa Venera, detentur tal-karta ta` l-identita numru 278457M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

(A) Talli nhar l-4 t`April 2010, ghall-habta ta` 1:30pm, fi Pjazza San Frangisk Qormi, volontarjament hassart,

ghamilt hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe fuq vettura b`numru ta` registrazzjoni HAS 707 ta` l-ghamla Fiat Bravo Blu, li tappartjeni lil Tancred Lino De Bono, ghad-detriment ta` l-istess Tancred De Bono liema hsara tammonta ghas-somma ta` 989.52 Ewro.

(B) U aktar talli, fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi kkommettejt offiza ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Tancred De Bono skond ma ccertifikat Dr Satya Brata Das  med reg no: 2141 mid-dipartiment tal-Kura Primarja Furjana.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi skond l-Art. 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghas-sigurta ta` Tancred Lino De Bono.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 1 ta' Novembru 2010 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mil-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw argument f'ambitu familjari fejn allegatament giet kagunata hsara volontarja fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAS 707 ghad-dannu ta' Tancred Lino De Bono u fejn allegatament gew kagunati griehi ta' natura gravi lill-istess Tancred Lino De Bono mill-imputat. L-allegat incident sehh fl-4 ta' April 2010 ghall-habta tas-1.30pm fi Pjazza San Frangisk, Hal-

Qormi. Il-parti civili li kien ghaddej minn proceduri ta’ separazzjoni personali minn martu li hija bint l-imputat fl-imsemmija gurnata li kien jum il-Ghid, mar barra d-dar tan-nanniet ta’ martu sabiex jaghti bajda tal-Ghid lil bintu ta’ hames snin u nqala’ incident ghaliex bint l-imputat tghid li zewgha hataf lit-tifla u dahhalha fil-vettura tieghu fejn kien hemm is-siehba tieghu u hija ghalhekk hatfitlu c-cavetta tal-vettura u marret iccempel il-qampiena tad-dar tan-nanna taghha sabiex il-qraba taghha johorgu jassistuha u missierha ta’ xi daqqiet fuq il-hgiega tal-vettura tal-imputat sabiex johrog lit-tifla mill-vettura. Tancred Lino De Bono min-naha l-ohra qal li kien hemm ftehim bejnu u bejn martu li huwa seta’ jiehu lit-tifla u sostna li l-imputat ikkagunalu hsara fuq il-vettura u kkagunalu griehi ta’ natura hafifa.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet ghal kollox kunfliggenti dwar dak li allegatament gara fejn Tancred Lino De Bono[1] u s-siehba tieghu Claudia Coleiro[2] jghidu li l-imputat volontarjament ikkaguna hsara volontarja fuq il-vettura ta’ Debono filwaqt li l-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata[3] jammetti li huwa kien ta xi daqqiet fuq il-hgiega tal-vettura ta’ De Bono sabiex jipprova johrog lit-tifla minghajr ma kisser l-imsemmija hgiega u kien qaccat il-wiper ta’ wara. Jacqueline Pace u Josephine Pace, bint u mart l-imputat rispettivament, jaghtu l-istess verzjoni tal-fatti fejn dawn spjegaw ulterjorment li il-kommozzjoni li nqalghet kienet dovuta ghal fatt li De Bono hataf lit-tifla u dahhalha fil-vettura u mbaghad wara li sehh l-incident ha t-tifla u ma rritornahiex lura ghal erbat ijiem u dan ghamlu biss wara li  kien hemm digriet tal-Qorti f’dan is-sens.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni prezentat stima[4] li giet mghoddija lilha mill-parti civili li tindika li l-hsara li kien hemm fil-vettura ta’

[1] Li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-27 ta Jannar 2012
[2] Li xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta’ Lulju 2012
[3] Inserita a fol. 74 sa 76 tal-atti processwali.
[4] Inserita a fol. 22 tal-atti processwali

De Bono kienet tammonta ghal €989.52 izda l-Qorti setghat tikkonstata li din l-istima la giet konfermata minn min irrilaxxjaha u l-anqas ma ngabu provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li fil-fatt l-imputat ikkaguna dawk il-hsarat kollha ndikati fl-istima. Fil-fehma tal-Qorti l-unika hsara li tirrizulta li giet kagunata mill-imputat hija dik tal-wiper imqaccta u mid-dokument inserit a fol. 23 tal-process jidher li l-valur tal-wiper huwa ta' €17.14. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati li kkaguna hsara volontarja limitatament in kwantu jirrigwarda l-wiper imqaccta u dan ghaliex fl-istqarrija minnu rilaxxjata huwa ex admissis jghid li kien qaccat l-imsemmija wiper.

Ikkunsidrat:

Illi fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2013 xehed Tancred Lino De Bono fejn dan spjega li l-imputat u hu kienu rrisolvew il-pendenzi ta' bejniethom u fejn huwa ddikjara li kien qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat. In vista ta' din ir-rinunzja il-Qorti ser tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda t-tieni(2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat u ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. In kwantu jirrigwarda l-ewwel(1) imputazzjoni ser jigi applikat it-tielet proviso tal-Artikolu 325(1) fejn jinghad illi fil-kazijiet imsemmija fil-paragrafi (c) u (d) tal-Artikolu 325, u cioe' fejn il-hsara kagunata ma tkunx teccedi l-€116 il-procedimenti jistghu jittiehdu biss bil-kwerela tal-parti offiza. Tenut kont ghalhekk li l-hsara kagunata qed titqies li kienet anqas minn €116 u tenut kont li l-parti leza rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat il-Qorti ser tiddikjara l-procediment ezawrit anki in kwantu jirrigwarda l-ewwel(1) imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi stante r-rinunzja tal-parti leza l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tal-imputat u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------